# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 2 ta' Gunju 2022**

**Kawza Numru: 24**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 391/2022 JVC**

**Joe Grima (K. I. 0382448M) u Doris Grima (K. I. 0581157M)**

**vs**

**Noel Grima (K. I. 571290M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Joe u Doris konjugi Grima kkonfermaw bil-gurament u talbu kif isegwi:

1. “Illi l-esponenti konjuġi Grima huma proprjetarji tal-fond “Memphis” fi Triq Giovanni Pullicino f’Ħaż-Żebbuġ u tal-*garage* sottostanti l-istess fond liema beni huma d-dar matrimonjali tagħhom. L-esponenti mgħandhomx beni oħra;

2. Illi l-konvenut huwa iben l-istanti u għalkemm għandu wieħed u tletin (31) sena, u sa fejn jafu l-esponenti kellu anke appartament fiż-Żurrieq liema appartament (dejjem sa fejn jafu l-esponenti) jinkera lil terzi baqa’ jabita fid-dar suriferita fil-waqt li jokkupa u jingombra l-*garage* suriferit sottostanti l-istess beni;

3. Illi sa mis-sena 2018, il-konvenut beda jġib ruħu ħażin mal-esponenti sakemm imbagħad sar rapport mal-Pulizija u ttieħdu proċeduri kriminali. Billi l-esponenti kienu klementi, ħafrulu meta dehru quddiem il-Maġistrat u l-proċeduri waqfu hemm. Il-konvenut għamel perjodu qasir iġib ruħu ta’ nies u kien anke sab xogħol sakemm imbagħad reġa’ qabad jitkessaħ mal-istanti li huma persuni anzjani waqt li l-esponenti omm hija marida b’kanċer u spiċċat bla saħħa;

4. Illi fl-aħħar jiem l-esponenti wera vjolenza tant li nhar is-Sibt 7 ta’ Mejju 2022, meta l-esponenti missier talbu jagħti ċans lis-seftura taħsel ħalli ma jgħaffġilhiex, l-intimat qabad jgħajjat, jidgħi u jsabbat u jisfida lill-istanti għall-ġlied. Qallhom ukoll li d-dar kienet ħwejjġu u li l-esponenti setgħu jaqbdu l-karozza u jitilqu;

5. Illi bil-biża l-esponenti spiċċaw iqattgħu ħafna ħin ‘il bogħod minn darahom u joqgħodu ma wliedhom oħra;

6. Illi l-intimat mgħandu ebda titlu fuq il-beni *de quo*;

7. Illi għad li mwissi sabiex idabbar rasu u jħalli lill-esponenti jgħixu l-aħħar erbat ijiem ta' ħajjithom fil-kwiet, baqa' inadempjenti;

8. Illi meta l-esponenti rrekaw għand il-Pulizija, dawn ġustament qalulhom li l-proċeduri kriminali iridu jieħdu l-kors tagħhom waqt li mgħandhomx setgħa li jkeċċulhom lill-konvenut minn darhom u għalhekk issollecitawhom jieħdu passi ċivili;

9. Illi quddiem din is-sitwazzjoni, l-esponenti ma kellhom ebda għażla oħra għajr li jmexxu bl-odjerna kawża;

10. Illi sa fejn jafu l-esponenti, il-konvenut mgħandu ebda eċċezzjoni valida x'jissolleva kontra din l-azzjoni għal żgumbrament u kwindi qed jipproċedu *ai termini* tal-Art. 167 tal-Kap. 12 u jitolbu li din il-kawża tinstema' bil-proċedura sommarja speċjali;

Illi r-raġuni ta' din it-talba hi li l-intimat qed jokkupa l-fond "Memphis" fi Triq Giovanni Pullicino f'Ħaż-Żebbuġ u l-*garage* sottostanti l-istess fond, liema beni huma r-residenza tal-esponenti, u dan mingħajr titolu validu fil-liġi u kontra l-volonta tal-esponenti u kwindi għandu jiġi ordnat jiżgombra entro terminu qasir u perentorju li jiġi prefiss u billi, sa fejn jafu l-esponenti l-intimat mgħandu ebda eċċezzjonijiet validi x'jissolleva kontra t-talba odjerna għal żgumbrament, din il-kawża għandha tiġi deċiża bil-proċedura sommarja speċjali a tenur tal-Art. 167 *et seq* tal-Kap. 12;

Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, jogħġobha:

1. Tisma' din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ a tenur l-Artikolu 167 *et seq* tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna lill-intimat sabiex, fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti, jiżgombra mill-fond "Memphis" fi Triq Giovanni Pullicino f'Ħaż-Żebbuġ u mill-*garage* bla numru uffiċċjali sottostanti l-istess fond u jirrilaxxja l-pussess liberu u battal tal-istess beni a favur tar-rikorrenti;

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li minn issa huwa nġunt in subizzjoni u b'riżerva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-esponenti skont il-liġi."

Rat illi fil-verbal tallum deher l-Avukat Christian Camilleri ghan-nom tal-intimat illi taha ruhu b'notifikat bir-rikors guramentat ghan-nom tal-istess intimat Noel Grima;

Rat illi l-istess Dr Camilleri ddikjara ghan-nom tal-intimat illi l-intimat m'ghandux provi xi jressaq fir-rigward tat-talba tar-rikorrenti, ma jikkontestax li l-fond huwa proprjeta' tar-rikorrenti u jiddikjara wkoll li llum il-gurnata hareg mill-istess fond mertu tal-kawza inkluz il-garaxx u ghalhekk m'ghandux eccezzjonijiet xi jressaq ghat-talba tar-rikorrent u l-Qorti tista' tghaddi ghas-sentenza.

Illi in vista tad-dikjarazzjoni tal-intimat u n-nuqqas ta' kontestazzjoni da parti tal-intimat, il-Qorti tqis illi t-talba tar-

rikorrenti konjugi Grima hija gustifikata u jisthoqq li tigi milqugha.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lill-intimat sabiex fi zmien xahar millum jizgombra mill-fond 'Memphis', fi Triq Giovanni Pullicino f'Haz Zebbug u mill-garaxx bla numru ufficjali sottostanti l-istess fond u jirrilaxxa l-pussess liberu u battal tal-istess beni a favur tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kollha a karigu tal-intimat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**2 ta' Gunju 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**2 ta' Gunju 2022**